MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 1874/1997/1

**Avviz Nru:- 1874/97**

**Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'nota tat-3 ta' Frar 1998 is-socjeta' kummercjali Maltacom, plc assumiet l-atti tal-kawza bhala cessjonarja tal-kreditu pretiz fl-avviz**

**vs**

**Martin Ellul, Alfred Ellul u Pauline Ellul**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-Korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' hames mija u disgha u tmenin liri Maltin u disgha u tmenin centezmi (Lm589.89) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni

mas-servizz telefoniku bin-numru 662318 skond kif jirrizulta mill-istatement Dok. A, liema servizz gie stallat fil-fond ‘Francis Garage’, 7, Corradino Road, Paola u dan skond ma kif jidher mis-‘service agreement’ Dok. B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Pauline Ellul fejn eccepiet:

1 Illi ghalkemm l-esponenti Pauline Ellul ghamlet zmien indikata bhala l-abbonata tas-servizz telefoniku in kwistjoni din ghamlitha biss bhala ‘presta nome’ u in fatti r-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici jafu sew li s-servizz imsemmi qed jintuza mhux mill-esponenti imma mill-konvenuti l-ohra Martin u Alfred Ellul.

2 Minghajr pregudizzju ghal fuq imsemmi, l-konvenuti l-ohra Martin u Alfred Ellul assumew r-responsabbilta’ li jhallsu l-arretrati. F’Mejju tas-sena 1996 ir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni - fil-presenza tal-esponenti - kienu ghamlu ftehim mill-gdid mal-konvenuti l-ohra Martin u Alfred Ellul u bis-sahha tan-novazzjoni imsemmija l-Korporazzjoni esonerat lill-esponenti minn kull responsabbilta’ mill-arretrati relattivi ghas-servizz telefoniku in kwistjoni. Tant hu hekk li l-Korporazzjoni ftehmet ukoll mal-imsemmija Martin u Alfred Ellul li dawn ikunu jistghu ihallsu bin-nifs.

3 Minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit u kwantu ghall-kap tal-ispejjez, l-esponenti tissottometti li m’ghandhix issoffri l-ispejjez.

4 Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti fil-konfront tal-esponenti Pauline Ellul.

5 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-varbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar 1998, fejn il-konvenut Martin Ellul ikkontesta t-talba attrici, izda ma pprezenta ebda nota ta' eccezzjonijiet formali.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta Pauline Ellul hija bbazata fl-ewwel lok fuq il-fatt illi ghalkemm kienet hja illi applikat ghas-servizz telefoniku in kwistjoni u kienet hija li ffirmat il-kuntratt in kwistjoni biex inghata s-servizz, liema kuntratt jinsab esebit a fol 5 tal-process, hija kienet ghamlet dan bhala presta nome, u a bazi ta' dan biss, hija tippretendi li m'ghandhix tigi implikata fid-dejn illi jirrizulta illum minhabba l-uzu ta' dan is-servizz.

Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kont ipprezentat mill-korporazzjoni attrici, izda il-konvenuta Pauline Ellul tippretendi illi l-korporazzjoni kellha tkun taf illi s-servizz ma kienx qed jigi uzat minnha, izda mill-konvenuti l-ohra u ghaldaqshekk biss ghandha tigi ezonerata mir-responsabbilta' ghall-hlas ta' l-ammonti dovuti rizultanti mill-uzu ta' dan is-servizz.

Mill-provi pero' ma jirrizulta xejn li jindika illi l-korporazzjoni kellha tkun taf illi Pauline Ellul kienet biss 'presta nome' meta applikat ghat-telephone u ma kellha x'taqsam xejn dwar l-uzu tas-servizz. Anzi mill-kuntratt tat-23 ta' Settembru tal-1985, ma jirrizulta xejn illi seta' jindika illi Pauline Ellul meta assumiet ir-responsabbilta' illi tapplika hi ghas-servizz, din setghet kienet qed taghmel dan fl-interess ta' xi terzi persuni.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta.

Dwar it-tieni eccezzjoni fejn il-konvenuta Pauline Ellul qeghda tippretendi illi saret novazzjoni billi l-konvenuti l-ohra ffirmaw ftehim gdid mal-korporazzjoni, jirrizulta illi l-kuntratti li effettivament iffirmaw il-konvenuti Alfred Ellul u Martin Ellul mal-korporazzjoni, liema zewg kuntratti huma esebiti a fol 3 u 4 tal-process, ma jirrigwardaw xejn ftehim gdid dwar is-servizz telefoniku, izda huma biss kuntratti illi z-zewg konvenuti ghazlu li jiffirmaw biex jiggarantixxu flimkien ‘in solidum’ mas-subscriber id-debitu ta’ l-istess subscriber. Ghalhekk dawn iz-zewg kuntratti mhux biss ma jikkostitwux novazzjoni izda huma zewg kuntratti li jkomplu jikkonfermaw il-kuntratt originali permezz ta’ liema d-debitrici principali ghandha tkun meqjusa bhala Pauline Ellul, il-konvenuta l-ohra.

Dawn l-istess zewg kuntratti ffirmati mill-konvenuti Martin Ellul u Alfred Ellul, datati rispettivament 19 ta’ Gunju u 20 ta’ Gunju tas-sena 1996, jibbenefikaw lill-konvenuta Pauline Ellul fir-rigward biss illi d-debitu taghha mal-kumpanija attrici llum ghandu jigi maqsum maz-zewg konvenuti l-ohra. Bit-tlieta flimkien, debituri ‘in solidum’ tal-kumpanija attrici ghall-ammont intier.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad ukoll it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Pauline Ellul u;

Wara li rat id-dokumenti esebiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikta u qeghda tilqa’ t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti kollha u konsegwentement tikkundanna lit-tlett konvenuti ‘in solidum’ bejniethom sabiex ihallsu lill-korporazzjoni ossija kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ hames mija disgha u tmenin lira Maltin u disgha u tmenin centezmi (Lm589.89c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut in solidum bejniethom u bl-imghaxijiet b’effett mill-10 ta’ Settembru 1997.

---------------------------------TMIEM---------------------------------